MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 883/2007

**KNK Air Conditioners Co Ltd (C17462)**
**vs**
**Ralph Axiaq u Albert Bonello fil-karigi rispettivi ta' president u segretarju ghan-nom u in rappresentanza ta' Marsa Sports Club**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' elf, tmien mija u erbghin ewro u ghoxrin ewro centezmi (€1840.20) gja seba' mija u disghin liri Maltin (LM790) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' *air conditioners* lilhom mibjugha u kkonsenjati.

Illi ghalkemm il-konvenuti *nomine* gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont dovut, dawn baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu lilha l-ammont ta' €1840.20 gja LM790 rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' *air conditioners* lilhom mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Ottubru, 2007 (numru 5643/07) u dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-8 ta' Frar, 2007 u tat-8 ta' Frar, 2006, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti *nomine* fejn issollevaw li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artiklu 2148 tal-kodici civili, essendo negozjar sar f'Marzu, 2005 u mhux fl-2007 kif imsemmi mis-socjeta' attrici fl-avviz tat-talba.

Minghajr pregudizzju u sussidjorjament ghal premess, il-konvenuti *nomine* m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici u dan peress illi s-socjeta' attrici kienet inadempjenti stante li l-*air conditioners* suppliti mhux ta' kwalita' pattwita u lanqas m'huma tajbin ghall-iskop li ghalih gew ordnati u ghall-liema kienu ntizu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti ezebiti kollha fl-atti.

Sema' x-xhieda ta' Pierre Vella Petroni, Albert Bonello, Charles Cuschieri, u Peter Pace Balzan,

Ra n-noti ta' sottomisjonijiet tas-socjeta' attrici.

Sema' t-trattazzjoni tal-konvenuti *nomine*.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ghal bilanc dovut fuq prezz ta' *air conditioning units* mibjugha u kkunsinjati lill-konvenuti *nomine*. Illi gie sollevat mill-konvenuti *nomine* li l-azzjoni attrici hija presktitta a tenur tal-artiklu 2148 tal-

Kodici Civili bl-eghluq ta’ preskrizzjoni ta’ tmintax-il (18) xahar dwar il-bejgh bl-imnut. Illi gie sollevat ukoll illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l - *air conditioning units* suppliti mis-socjeta’ attrici m’humiex ta’ kwalita’ pattwita.

Ili skont ix-xhieda tas-socjeta’ attrici il-prodott gie mibjugh fl-2005 lill-Marsa *Sports Club* u gie spjegat illi dawn il-*units* kienu ghall-*Squash Court Committee* tal-Malta Sports Club u jaf illi kien hemm xi ilmenti mill-konvenuti *nomine* li kienu qalu li dawn il-*units* ma kienux qawwija bizzejjed u ma kienux ikesshu kif suppost. Illi skont dokument esebit mis-socjeta’ attrici l-fattura hija datata id-29 ta’ Marzu, 2005 fis-somma ta’ LM790 ta’ dak iz-zmien, prodott mibjugh lis-sezzjoni ta’l-*iSquash* tal- *Marsa Sports Club*.

Illi skont ix-xhieda tal-konvenuti *nomine* intqal illi gew ordnati *air conditioning units* mis-socjeta’ attrici wara li l-istess konvenuti *nomine* kienu gew assigurati mis-socjeta’ attrici li l-*units* ordnati minnhom kienu qawwija bizzejjed ghas-sezzjoni ta’ l-i*Squash*. B’hekk fuq parir u rakkomandazzjoni tas-socjeta’ attrici l-konvenuti *nomine* ordnaw dawn il-*units*. Irrizulta li wara li dawn il-*units* twahhlu, u bdew jithaddmu, il-kumitat kellu hafna ilmenti mill-membri peress illi ntqal illi dawn il-*units* ma kienux qawwija bizzejjed. Illi kienu ltaqghu mad-dirigent tas-socjeta’ attrici sabiex isolvu din il-problema fl-2005 izda ma rrizulta xejn u f’Awissu tal-2005 inhareg rapport fuq rikjesta tal-konvenuti *nomine* maghmul minn inginier mqabbad minnha, liema rapport gie ezebit in atti. F’dan ir-rapport gie konfermat illi wara li saru t-testijiet mehtiega l-*units* irrizultaw illi ma kienux b’sahhithom bizzejjed ghall-uzu fil- *Squash Courts.* Intqal wkoll illi meta gew ordnati dawn il-*units*, is-socjeta’ attrici kienet taf illi kellhom ikunu uzati ghall-*Squash Courts*. Illi skont ir-rapport ezebit, ghalkemm il-*units* kellhom sahha ta’ 24,000 BTU fis-siegha dawn il-*units* kienu qieghdin jaghtu *circa* 16,700 BTU fis-siegha u dan f’ambjent ta’ temperatura ta’ tletin (30) grad *Celsius*. Intqal ukoll illi t-trattattivi sabiex isolvu l-problema dejjem saru minghajr pregudizzju u f’ebda hin fil-mori tal-kawza rrizulta ammissjoni ta’ dejn.

Illi skont is-socjeta’ attrici, r-raguni ghaliex il-*units* ma kienux qieghdin jaghtu r-rizultat mistenni kien ghaliex l-ambjent ta’ fejn twahhlu kellu hafna umdita’.

It-Tribunal ra d-dokument ezebit mis-socjeta’ attrici li jirerferi ghar-rapport datat 5 ta’ Ottubru, 2005 imhejji minn certu Arjan, inginier imqabbad mis-socjeta’ attrici. Illi dan ir-rapport ma jirrizultax iffirmat, m’huwiex dokument originali u l-anqas ma ngabet prova tal-awtenticita’ tieghu. Illi in mankanza ta’ dokument originali u in mankanza tal-fatt illi min ghamel ir-rapport ma giex jixhed fuqu, t-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi din il-prova ghandha tigi meqjusa bhala wahda incerta.

It-Tribunal jirrilleva *in oltre* li dawn il-*units* twahhlu u gew installati fuq il-parir u rakkomandazzjoni tas-socjeta’ attrici. Illi it-Tribunal jidhirlu li meta s-socjeta’ attrici giet mitluba ghal *air conditioning units* ghal postijiet specifici bhalma huma *squash courts* din kellha tara li l-prodott offrut minnha jaqbel mall-bzonnijiet partikolari tal-klijenti konvenuti *nomine*.

Illi skont ix-xhieda tal-konvenuti *nomine*, intqal illi peress illi s-socjeta’ attrici ma kienetx qieghda tisma’ l-ilmenti taghhom, huma solvew il-problema billi xtraw *air conditioning units* ohra minn terzi persuni. Dawn inxtraw *second hand* u li ghadhom jintuzaw sal-lum u l-istess *units* jkesshu l-ambjent kif suppost. Intqal ukoll illi l-*air conditioning units* tas-socjeta’ attrici ghalkemm jinsabu mwahhlin mall-hajt m’humiex konnessi mal-kurrent elettriku.

Illi qabel ma jissokta jindaga fuq il-mertu fejn fil-fehma tat-Tribunal ir-responsabilita’ tas-socjeta’ attrici kienet li tissupplixxi u li tinstalla l-prodott ordnat mill-konvenuti *nomine*, u dan it-tip ta’ negozju ghandu jitqies bhala bejgh bl-imnut. Illi t-Tribunal ha jghadddi sabiex jevalwa l-provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti *nomine*.

It-Tribunal jirrilleva li din il-kawza giet intavolata fil-5 ta’ Dicembru, 2007 u cioe’ sentejn u xahrejn wara d-data tal-

konsenja tal-istess *air conditioning units*. Illi mid-dokumenti ezebiti ma jirrizultax lit-Tribunal illi giet interotta il-preskrizzjoni ta' tmintax-il (18) xahar. Illi ghalkemm intqal illi l-konvenuti *nomine* gew interpellati b'ittra gudizzjarja fit-3 ta' Novembru, 2007 din l-ittra qatt ma giet ezebita bhala prova dokumentali quddiem dan it-Tribunal u l-anqas ma giet ezebita kopja ta' notifika positiva ta' l-istess att gudizzjarju. Illi ntqal mis-socjeta' attrici li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni min-naha tal-konvenuti *nomine* meta kienu qieghdin jsiru trattativi sabiex isolvu l-kwistjoni bejniethom. It-Tribunal jinnota li dawn it-trattavi dejjem saru minghajr pregudizzju u sahansitra giet ezebita ittra tal-avukat tal-konvenuti *nomine* li kienet bla pregudizzju.

Illi jirrizulta, in konkluzjoni, li wara li t-Tribunal gharbel ix-xhieda kollha pprezentata in atti u wara li sema' u evalwa l-provi *viva voce*, jirrizulta li l-konvenuti qatt ma accettaw li kien hemm xi ammont li kellu jithallas minnhom u ghalkemm kienu saru xi diskussjonijiet dawn kienu saru bla pregudizzju, bl-intenzjoni li jsolvu l-kwistjoni li kellhom bejniethom u ghaldaqstant it-Tribunal ma jarax illi dawn il-fatti interrompew l-azzjoni tal-preskrizzjoni jew li huma inkompattibbli b'xi mod mall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi dwar l-ittra ufficjali t-Tribunal jirrilleva ulterjorment illi l-att gudizzjarju li allegatament gie pprezentat mis-socjeta' attrici fil-Qorti qatt ma effettivament gie prodott in atti. Izda anke jekk huwa minnu li l-ittra giet fil-fatt pprezentata fit-3 ta' Ottubru, 2007, din xorta wahda giet ipprezentata tardivament peress illi dan kien bejgh bl-imnut ghalhekk kwalunkwe azzjoni kellha tittiehed fi zmien tmintax-il (18) xahar mid-datat tal-fattura tal-bejgh tal-prodott li sehh fil-25 ta' Marzu, 2005.

It-Tribunal jinnota, wkoll ai fini tal-gustifikazzjoni *o meno* tal-preskrizzjoni, li f'ebda hin ma sar hlas akkont tal-ammont dovut ghalhekk ma jistax jitqies illi kien hemm xi accettazzjoni ta' hlas. Illi ma ngabet ebda prova li l-konvenuti *nomine* accettaw li hemm xi ammonti dovuti minnhom. Illi inoltre, s-socjeta' attrici qatt ma staqsiet lill-konvenuti *nomine* quddiem dan it-Tribunal jekk kien

hemm xi ammonti dovuti minnhom. Il-konvenuti dejjem sostnew illi dak li gie ordnat minnhom ma kienx kompatibbli mar-rikjesta li saret lis-socjeta' attrici ghat-tip ta' *air conditioning units* li huma kellhom bzonn u ghaldaqstant ma setghux jigu uzati tant illi kellhom jixtru ohrajn u minkejja li xtrawhom *second hand* dawn ghadhom uzati sallum.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-kaz in ezami ma ngabet ebda prova li l-preskrizzjoni giet interrota. Ghalhekk, l-azzjoni attrici hija inkwadrata *ai termini* tal-artiklu 2148 (b). Ghaldaqstant, l-azzjoni ghandha tkun meqjusa bhala preskritta biz-zmien stabbilit skont il-ligi.

Illi rigward argumentazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici b'riferenza li d-drittijiet tax-xerrej f'kaz li l-oggett ikkonsenjat mhux ta' kwalita' pattwit u ghalhekk dak li ghamlu l-konvenuti *nomine* m'huwiex koncess bil-ligi, jinghad illi fuq dan il-punt, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-argumentazzjoni tas-socjeta' attrici li kien hemm ksur tal-artiklu 1390 tal-kapitlu 16 tal-Ligijjiet ta' Malta meta il-konvenuti *nomine* zammew il-*units* ghalkemm qalu li ma kienux ta' kwailta' pattwita ma jistax jittiehed in kunsiderazzjoni galadarba l-azzjoni odjerna giet intavolata mis-socjeta' attrici ghal hlas ta' bilanc dovut liema azzjoni hija meqjusa bhala azzjoni preskritta ai termini tal-artiklu 2148(b) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici u jiddikjara li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artiklu 2148(b) tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------